MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 2235/1998/1

**Carmen Debattista**

**vs**

**Mario Cilia**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni extra konjugali, u konvivenza li damet ghal iktar minn seba’ snin u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla jisimha Ravine;

Illi din ir-relazzjoni issa ntemmet u l-partijiet m’ghadhomx ighixu flimkien;

Illi, tul il-konvivenza, l-attrici kienet ivversat lill-konvenut diversi somom ta’ flus, senjatament sabiex huwa seta’ jakkwista l-appartament Louis Flats 2, Gidwed Lane, Marsascala, jarredah bil-mobbli, u sabiex huwa akkwista karozza, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoini tal-kawza;

Illi, tul l-istess konvivenza, l-attrici kienet ghamlet diversi benefikati fil-fond, ossia Louis Flats 2, Gidwed Lance, Marsascala, kif ser jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi, issa li r-relazzjoni ta’ bejniethom spiccat, il-konvenut qed jirrifjuta illi jrodd lura l-flus mislufa jew li jikkumpensa lill-istess attrici tal-benefikati li ghamlet fil-fond fuq imsemmi;

Illi, nonostante illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex irodd lura il-flus mislufa u li jikkumpensa lill-istess attrici tal-benefikati li ghamlet fil-fond fuq imsemmi, huwa baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex: -

tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa debitur ta’ l-attrici ghall-flus minnha versati lilu u tal-benefikati maghmula minnha fil-fond Louis Flats 2, Gidwed Lane, Marsascala matul il-konvivenza tal-partijiet;

tillikwida l-ammont illi l-attrici kienet ivversat lill-konvenut tul il-konvivenza tal-partijiet;

tillikwida l-valur tal-benefikati maghmula mill-attrici fil-fond Louis Flats 2, Gidwed Lane, Marsascala, occorrendo permezz tal-hatra ta’ periti nominandi;

tikkundanna lill-konvenut sabeix ihallas dawk is-somom li jigu hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 3720/98, u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-att sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

Illi qatt ma kien hemm versat xi self mill-attrici lill-konvenut sabiex jinxtara l-fond fejn kienu jirresjedu;

Illi lanqas qatt ma kien hemm xi self mill-attrici, kif qed tippretendi biex inxtrat xi mobilja jew xi karozza mill-konvenut;

Illi ma huwa dovut l-ebda kumpens mill-konvenut lill-attrici, u dana peress li kieku huwa minnu li l-attrici kienet ghamlet xi benefikati fil-fond tal-konvenut, dawna kienu gew ampjament u eccessivament mhallsa u kkumpensati mill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu u f'liema dikjarazzjoni l-konvenut jikkonferma li huwa kien akkwista l-appartament in kwestjoni permezz ta' self ta' Lm10000 mill-Bank u li l-istess fond illum gie mibjugh u bir-rikavat thallas il-Bank kif ukoll dejn iehor li kien hemm a favur ta' Guzeppi Debattista, li jigi missier l-attrici. Inoltre l-istess konvenut iddikjara li l-ghamara kienet giet akkwistata minnu wahdu bi flus provenjenti mill-pensjoni, li kien jippercepixxi, u minn dak li kien wiret minghand missieru. Iddikjara ukoll li huwa kien akkwista "second hand" van tal-marka "Maruti", liema van kellu jigi ritornat u b'hekk intilef id-depozitu relattiv li kien gie mhallas. Inoltre l-konvenut ddikjara li semmai l-benefikati li allegatament saru mill-attrici gew ampjament ikkumpensati mill-konvenut meta kien jassisti lill-attici fit-tmexxija tal-hanut taghha kif ukoll meta diversi drabi halsilha xi safar u mantna lil-attrici u uliedha, kif ukoll missier l-attrici ghal zmien twil. Ghalhekk hu l-konvenut li ghandu pretensjoni

kontra l-attrici ghas-servigi rrezi lilha u lill-membri tal-familja taghha;

Rat l-affidavit tal-attrici u l-affidavits ta’ Marushka Grossley u Clint Busuttil presentati mill-istess attrici;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-attrici;

Semghet lill-attrici in esami u in kontro-esami;

Rat l-affidavit tal-konvenut;

Semghet lix-xhud prodott mill-konvenut u lill-istess konvenut in kontro-esami;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet iltaqghu ghal habta ta’ Mejju 1989 u f’Dicembru tal-istess sena il-konvenut mar jghix mal-attrici f’appartament li kienet tikri f’Marsascala. Kien hemm gia jghixu mal-attrici fl-istess appartament zewgt itfal taghha minn zwieg precedenti. Dak iz-zmien ukoll l-attrici kienet tiggestixxi u kompliet tiggestixxi “pub” gewwa Marsaskala. Meta l-konvenuta mar jghix mal-attrici huwa kien ukoll jghin fit-tmexxija tal-istess hanut. In effett il-partijiet kellhom relazzjoni extra konjugali, u kkonvivew ghal kwazi tmien (8) snin. Minn din ir-relazzjoni huma kellhom tifla li jisimha Ravine. Il-partijiet illum m’ghadhomx ighixu flimkien;

Fic-citazzjoni l-attrici tallega li waqt l-imsemmija konvivenza, tat f’diversi okkazzjonijiet somom ta’ flus u dana sabiex l-istess konvenut seta’ jakkwista u jarreda appartament f’Marsascala u sabiex huwa akkwista karozza. L-attrici tkompli tippremetti li ghamlet diversi benefikati fl-istess appartament. Il-konvenut qed jirrifjuta

illi jhallas lura dawn il-flus, li, skond l-attrici, gew mislufa lilu u inoltre qed jirrifjuta li jikkumpensha ghall-imsemmija benefikati li ghamlet. Ghalhekk l-attrici qed titolb li jigi dikjarat li l-konvenut hu debitur taghha ghall-imsemmija somom ta' flus. Qed titlob ukoll li jigu likwidati dawn l-ammonti ta' flus u li jigi likwidat il-valur tal-imsemmija benefikati. Inoltre qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas dawn l-ammonti hekk likwidati;

Il-konvenut qed jeccepixxi li qatt ma ssellef xi flus minghand l-attrici u li mhux dovut l-ebda kumpens lill-attrici ghall-allegati benefikati, li, fi kwalunkwe kaz gew ampjament ikkompensati mill-konvenut. Il-konvenut ikkonferma li huwa kien akkwista l-appartament in kwestjoni permezz ta' self ta' Lm10000 mnn Bank u li l-istess fond issa gie mibjugh u bir-rikavat thallas il-Bank kif ukoll thallas ammont li kien dovut lil missier l-attrici. Iddikjara ukoll li huwa kien jassisti lill-attici fit-tmexxija tal-hanut taghha u diversi drabi halsilha xi safar u mantna lil-attrici u l-familja taghha;

Jirrizulta inoltre li l-partijiet kienu marru f'tlett okkazzjonijiet ghal btala l-Awstralja, fejn kien hemm jghixu zewgt itfal li l-konvenut kellu minn zwieg precedenti. Jidher li wara wahda minn dawn il-btajjel, il-partijiet ghamlu l-hsieb li jemigraw lejn l-Awstralja, pero' ftit wara rega bdillhom. Kien minhabba f'hekk, jew jista jkun ukoll ghall-ragunijiet ohra bhal fatt li giet introdotta l-ligi tal-VAT, li l-attrici nehhhiet il-pub li kienet iggestixxi, tat lura c-cwievet tal-flat li kienet tikri u l-partijiet ftehemu li jakkwistaw flimkien appartament iehor f'Marsaskala. In effett dan l-appartament gie akkwistat mill-konvenut wahdu, peress li kien hemm xi problemi legali ghar-rigward tal-attrici, li ufficjalment kienet ghada mizzewga. M'hemmx dubju pero' li l-intenzjoni taz-zewg partijiet kienet li l-appartament jigi jakkwistat minnhom flimkien;

Dak li kienet taqla l-attrici meta kienet iggestixxi l-imsemmi negozju u dik l-ghinuna socjali li kienet tippercepixx sussegewentement l-istess attrici, kif ukoll il-pensjoni pjuttost tajba li kien jircievi mill-Awstralja l-konvenut kienu kollha jispiccaw fil-kont bankarju wiehed f'isem l-attrici u

kollox kien isir u jithallas flimkien minn dan il-kont. Il-bzonnijiet ghal-hajja tal-partijiet, ta' ulied l-attrici (sakhemm dawn baqqgu jghixu maghha) u ta' binthom komuni, kif ukoll ghamara biex jigi arredat l-apparament appena akkwistat u spejjez li saru fl-istess appartament kollha hargu mill-imsemmi kont bankarju. Hu ovvju li l-konvenut kien jikkontibwixxi hafna aktar ghal dawn l-ispejjez kollha;

Jirrizulta ukoll li l-attrici bieghat l-ghamara li kellha fil-pub u dawn il-fondi dahlu fil-fond komuni ghall-ispejjez li l-partijiet kienu jghamlu flimkien. Inoltre l-attrici kienet hadiet xi affarijiet (mhux ta' hafna valur) li ntuzaw biex jarredaw l-imsemmi appartament. Jirrizulta ukoll li l-partijiet issellfu Lm2000 minghand missier l-attrici sabiex ikunu jistghu jixtri l-appartament. Sabiex inxtara l-istess appartament huma kellhom jisselfu minn Bank. Hawnhekk ukoll minhabba l-problemi legali gia indikati, s-self sar f'isem il-konvenut biss. L-appartament inxtara bil-prezz ta' Lm12,000. (fol.25). Il-partijiet ukoll xtraw vann Maruti li kien jintuza mit-tnejn. Meta l-partijiet ma komplewx jghixu flimkien dan il-van inbiegh mill-konvenut li qal lill-attrici li tal-istess van kien dahhal Lm200. Il-konvenut biegh l-appartament "furnished" bil-prezz ta' Lm26000 (fol.89);

Tenut kont ta' dan kollu kif ukoll tar-rizultanzi kollha u tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-kontibuzzjoni ghall-dawn l-ispejjez kollha kienet ta' circa 75% minn naha tal-konvenut u r-rimanenti 25% mill-attrici;

Il-Qorti ma tifhimx il-logika li biha l-attrici qed tippretendi li tithallas lura s-sehem taghha ghal dak kollu li l-partijiet nefqu u xtraw flimkien, kif ukoll tal-kontibuzzjoni taghha anke ta' xoghol li ghamlet sabiex saru l-imsemmija benefikati. Ghar-rigward ta' dak li gie allegat mill-attrici fic-citazzjoni, l-istess attrici ovvjament ma setghetx tikkwantifika kemm tat lill-konvenut sabiex dan seta' jakkwista u jarreda l-appartament u dana peress li kien hemm fond wiehed u minn dan il-fond kienu jithallsu l-ispejjez kollha. Lanqas ma jirrizulta li qatt kien hemm self da part tal-attrici lill-konvenut. L-attrici ghandha dritt li trkupra minnghand il-konvenut il-porzjoni taghha, skond

kemm ikkonntribwit, mill-profitt, jekk kien hemm, mill-bejgh tal-van li nxtara u ntuza mit-tnejn kif ukoll mill-bejgh tal-appartament li nbiegh “furnished” u ghalhekk tali bejgh jikkomprendi l-valur tal-mobbli u tal-benefikati;

Mill-provi prodotti jirrizulta, u dana skond ma qal il-konvenut lill-attrici, li meta l-imsemmi van Maruti gie ritornat lill minn kien bieghhilhom il-vettura, dan tal-ahhar kien hallsu Lm200. F’dan ir-rigward ma hemm l-ebda prova ohra. Ghalhekk sehem l-attrici, mill-imsemmi rikavat, huwa ta’ hamsin liri maltin (Lm50) u dana skond l-imsemmi sehem tal-kontribuzzjoni tal-attrici. Kwantu ghall-appartament dan inxtara bis-somma ta’ tnax il-elf liri maltin (Lm12000). Jirrizulta li l-bank sellef lill-partijiet ghal dan l-akkwist is-somma ta’ (Lm10000) u li missier l-attrici kien sellifhom Lm2000). Kollox thallas lura pero’, sfortunatament, ma jidhirx li gie esibit l-“istatement” relattiv tal-“loan account.” Hemm statement esibit fol. 192 sa 197) pero’ dan jirreferi ghall-somma ferm inqas mill-ammont li gie dikjarata li l-Bank sellef fuq il-kuntratt relattiv tal-akkwist. Fi kwalunkwe kaz jidher li l-ammont kollu li sellef il-bank thallas lura flimkien mal-imghaxxijiet relattiv fi ftit inqas minn tlett snin u tmien xhur. Ghalhekk jidher li lill-bank u lill-missier l-attrici thallset is-somma komplessiva ta’ circa hmistax il-elf u hames mitt liri maltin (L15500). Jirrizulta (fol.89) li l-konvenut biegh l-appartament “furnished” bil-prezz ta’ Lm26000. Minn dawn thallset, kif gia ntqal is-somma ta’ Lm15500 lill-Bank u lill-missier l-attrici.

Jidher, inoltre, li kien hemm xi dejn iehor li kellu jithallas u dawn kienu ammonti dovuti in konnessjoni ma’ xi “credit cards” u ammonti ohra mislufa fuq l-idejn. Mill-provi jidher li dawn kienu jammontaw ghal xi elfejn u hames mitt liri maltin (Lm2500). Meta dawm jitnaqqsu kollha mill-imsemmi rikavat mill-bejgh tal-appartament jifdal tmint elef liri maltin (Lm8000) u kwindi sehem l-attrici hu ta’ elfejn liri maltin (Lm2000). B’kollox ghalhekk l-attrici ghandha tieghu minnghand il-konvenut elfejn u mamsin liri maltin (Lm2050) ekwivalenti ghal erbghat elelf sebgha mija u hamsa u sebghin euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€4775.22);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi fuq it-talbiet attrici billi tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-istess attrici ghas-somma ta erbghat elelf sebgha mija u hamsa u sebghin euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€4775.22) u dan ghar-ragunijiet indikati fil-presenti sentenza u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-istess somma ta' €4775.22 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------